# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion,
**LL.D., Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Mejju 2017

Rikors Guramentat Nru. 258 / 15RGM

Kawza fil-lista: 23

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi huwa zzewweg lill-intimata qua mara tieghu, fl-l ta' Mejju tas-sena 2014, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

Illi matul l-ewwel sena li dan iz-zwieg suppost kellu jakkwista s-sahha tieghu fil-principji u l-valuri veru u proprji li huma tant importanti fiz-zminijiet ta' llum sabiex l-ghaqda matrimonjali tissahhah u tipprogredixxi, l-esponenti beda jinnota illi martu ma kinitx lesta li tintegra fil-hajja taghha lit-tifel tal-esponenti b'tali mod illi giet ikkreata anomalija psikologika serja fuq iz-zwieg flimkien ma' diffikultajiet ulterjuri li zgur jirriflettu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga bid-dmirijiet u d-drittijiet taghha;

Illi l-esponenti jaghmilha cara, kif ser jigi wkoll muri fid-dettal matul dawn il-proceduri, u dan jekk ikun il-kaz, illi huwa stess ipprova jsalva dan iz-zwieg anki bil-koopearazzjoni ta' martu stess, li ppruvat tikkollabora ghal dan, pero tali problemi baqghu jissussistu u llum anki l-mara stess approvat dan kollu;

Illi dan iz-zwieg allura huwa vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghall-intimata li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif ser jigi ppruvat fil-perkors tal-prezenti proceduri;

Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi stante dan kollu, ir-rikorrenti qed ihossu serjament ippregudikat fis-sitwazzjoni matrimonjali tieghu prezenti u ai dawn il-motivi gie kostrett jiftah dawn il-proceduri sabiex kollox jibda jigi regolat fil-fatt u fid-dritt;

Ghaldaqstant tghid ghaliex l-intimata m'ghandhiex din il-Wisq Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet li gie ccelebrat fl-1 ta' Mejju 2014, huwa null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) u/ jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, occorrendo billi wkoll jigi dikjarat illi r-rikorrenti kienet il-parti in buona fede ghal dan iz-zwieg;

2. Subordinatament, tordna sabiex isiru l-annotazzjonijiet fl-Att taz-Zwieg ta' bejn il-partijiet imsemmija li jirriflettu tali dikjarazzjoni gudizzjarja;

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-ingunzjoni tal-intimata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Frar 2016 li fiha l-konvenuta ddikjarat illi mhux bi hsiebha tinkariga avukat ghaliex ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tal-attur sabiex iz-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu gie nominat bhala Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata waqt l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2016 li permezz taghha pprezenta tliet affidavits, tieghu, ta' missieru Raymond C u ta' ommu Maria Concetta C.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha tal-kaz, inkluzi dawk migbura quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fil-15 ta' Frar 2017.

Rat li l-konvenuta hija kontumaci.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Provi**

**L-attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid inter alia illi kollox beda ghan-normal fl-gherusija u bdew mexjin ghal relazzjoni serja, pero malli bdiet ir-relazzjoni mill-ewwel gurnata kien qalilha li ghandu tifel u ghal bidu ma sabet l-ebda oggezjoni u kienet turih li it-tifel mhuwiex problema, pjuttost kienet tibza li ma xtaqx aktar tfal izda dan ma kienx il-kaz. Iffissaw id-data taz-zwieg ghal sena u nofs wara u r-relazzjoni bejnha u bejn it-tifel kienet sejra tajba hafna tant li hames xhur qabel it-tieg riedet illi jixtrulu billiard biex meta jigi id-dar matrimonjali jkollu biex iqatta il-hin tieghu jilghab u sa anke 3 xhur qabel id-data taz-zwieg riedet li taghmillu il-kamra tas-sodda tieghu.

Jghid li fil-gurnata tat-tieg kollox mar kif suppost, marru l-honeymoon u meta gew lura t-tifel beda jmur jorqod ghandhom kull hmistax. Jghid li ghal habta ta' Dicembru 2014 marru gita tal-Milied u wara li waslu u ried jaqbel ma' omm it-tifel dwar il-vaganzi tal-Milied, hi qaltlu li ma bdietx thossha komda bil prezenza tat-tifel id-dar u minn hemm ir-relazjoni taghhom bdiet sejra mill-hazin ghal aghar.

Jghid li ghalkemm kien hemm hafna tentattivi biex jipprovaw jilhqu ftehim rigward it-tifel, minn dik il-gurnata l-affarijiet qatt ma setghu jigu ghan-normal. Beda jinnota li ir-relazzjoni ta' bejn it-tifel u l-konvenuta bdiet titbijed u ma kellux triq ohra hlief li javza lill-genituri tieghu bis-sitwazzjoni.

Jghid li lit-tifel bilkemm bdiet tkellmu u dejjem kienet tara x'ha tivvinta biex it-tifel ma jkunx maghhom meta kien ikun imissu il-weekend maghhom, u meta hi riedet tohrog kien izommu missieru. Jghid li anke spicca naqqas il-hin minn mat-tifel biex jaraha kuntenta ghax kien jaf li meta jsemmi lit-tifel kienu jargumentaw u jaghmlu granet taht lis-stess saqaf u ma jitkellmux. Jghid li meta t-tifel kien imissu jorqod ghandu, kien imur jorqod mieghu ghand il-genituri tieghu bi qbil maghha stess.

Jghid li ghamel 10 xhur shah jissaporti u jipprova li l-affarijiet imorru ghal ahjar sa anke gie imkecci mid-dar matrimonjali ghal tlett darbiet habba ragunijiet ta' glied minhabba it-tifel. Jghid li kemm-il darba kien jigi akkuzat li kien qed jaghti xi flus zejda u li mhux suppost lit-tifel minn wara darha meta hu kien juriha kollox u qatt ma naqas milli jhallas kontijiet taghhom. Jghid li wara ftit gimghat li telaq mid-dar, regghu iltaqghu biex jaraw x'se jaghmlu u staqsiha hijiex lesta

taccetta lit-tifel u hi qaltlu li ma hijiex lesta taccettah. Hija qalet li ppruvat u ma rnexxiliex.

Jghid li fiz-zwieg tant kemm kienet giet mentalment ossessjonata minhabba s-sitwazzjoni mat-tifel li bdiet turi tracci serji fuq il-psikologija u l-maturita' tal-persuna fiz-zwieg fi dahlet fih, u li harget fiha wara z-zwieg. Anke waslet fi stat li quddiem l-avukat tieghu qaltlu li wassalha sabiex tghir ghal ibnu u li ma kinitx lesta tghix bil-piena u trabbi tfal ta' haddiehor.

Jghid li jhossu tradut bil-fatt illi hija kienet taf li hu diga' missier u l-hsieb tieghu kien li meta kien hemm qbil li jsehh iz-zwieg bejniethom xhur qabel ma sehh, ma kien qatt jistenna li mohhha kien ser jinbidel wara z-zwieg b'dan il-mod. Jghid li ppretenda illi jkun jaf tal-inqas li psikologikament kien ser ikun difficli ghaliha li tinghaqad ma' persuna fiz-zwieg illi kien diga' missier, b'obbligazzjonijiet cari li diga' kellu, u li naturalment ma setax jahrab minnhom, u wisq anqas seta` jisseparahom miz-zwieg li kien diehel ghalih.

Missier l-attur **Raymond C** jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid inter alia, illi qatt ma kien hemm x’indikazzjoni li l-konvenuta kienet se tasal li wara z-zwieg ma taccettax lit-tifel li kellu A, u dan billi kienet turi bic-car li hi kienet tirrispetta lil dan it-tifel u l-fatt ukoll li kien diga' missier.

Jghid li wara z-zwieg deher li kollox kien miexi kif suppost, u kien hemm relazzjoni tajba hafna bejnhom u l-kumplament tal-familja. Xi 6 xhur wara z-zwieg iddecidew li jaghmlu safra flimkien mal-partijiet u kien wara li gew lura li ibnu kien qallu li l-konvenuta ma riditx taccetta li t-tifel jibqa jorqod id-dar taghha kif kien jaghmel kull hmistax. Jghid li ttiehdet decizjoni li t-tifel imur jorqod id dar taghhom kull meta kien ikollu l-access.

Jghid li l-affarijiet bdew imorru ghall-aghar ghaliex lit-tifel tal-attur bdiet tarah zejjed u bl-ebda mod ma riedet tinkludih fil-familja l-gdida taghha. Kien beda jidher car li D kellha problema li bdiet taffetwa relazzjoni bejnha u bejn A, wara li ghal diversi drabi ppruvaw li jkollhom it-tfal naturali bejniethom bla success. Kienet bdiet anke tghid li l-attur mhux qieghed jaqdi dmiru finanzjarjament sew fil-konfront taghha kif ukoll, kienet tahseb li aktar kien qieghed jistma lit-tifel milli lilha. Jghid li anke gieghlitu jahdem aktar milli kien jahdem u dan gieli kien jahdem anke tliet jobs.

Kien jipprova jikkuntentaha f'kollox biex forsi jergghu lura ghan-normal pero’ qatt ma rnexxilu, sa anke kien jixtrilha rigali li forsi kienu jkun kbar biex jaraha kuntenta imma jghid li hareg car li mhux veru li l-flus kienet il-problema imma t-tifel tieghu.

Xehed illi peress illi t-tifel kien qieghed ihoss in-nuqqas ta' missieru kien jagixxi b'mod mhux normali u kien dejjem b'zaqqu jew rasu tugghu. Jghid ukoll li l-attur kien ikun ihossu mifni minhabba din is-sitwazzjoni. Jghid li wara li kienu marru btala flimkien, fi zmien il-Milied tas-sena li zzewgu, l-affarijiet marru ghall-aghar hafna.

Mistoqsi jekk it-tifel kienx l-unika problema bejniethom jghid illi l-veritajiet zgur hadd ma jista` jichadhom u bhala ragel mizzewweg jghid li fi-zwieg ikun hemm problemi. Issemmi l-fatt illi l-attur kien bil-paga, kien ghadu kemm xtara karozza, kien ihallas manteniment ghat-tifel u ma tantx seta` jaghmel affarijiet.

Huwa jikkonferma wkoll illi l-komportament tal-konvenuta inbidel mill-mument fiz- zwieg, fejn it-tifel kien page-boy, ghal wara z-zwieg, u li wriet komportament kemm fisiku kif ukoll psikologiku lejn it-tifel, li bl-ebda mod ma xtaqet tintegrah fil-familja.

Omm l-attur **Maria Concetta C** tghid li taqbel ma' dak li xehed zewgha u zzid li filli kien kollox ward u zahar bejniethom bl- accettazzjoni tieghu u taghha, li l-attur kien missier  u filli f'daqqa wahda harget verita' u ossessjoni ohra, u ferm differenti wara li dawn izzewgu u ghamlu xi xhur flimkien, ghaliex skont ix-xhud, il-konvenuta ddecidiet minghajr ebda raguni illi ma taccettax il-fatt illi zewgha kien missier u kellu t-tifel li ried jiehu hsieb, apparti lil martu.

**Il-konvenuta** xehdet viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju u tghid inter alia illi meta bdew johorgu flimkien huwa kien qalilha li kellu tifel u li kien jaghtieh manteniment ta' hamsin euro fil-gimgha. Tghid li dan it-tifel kienet tiltaqa’ mieghu kull hmistax u kien ikun il-Hadd ghand in-nanna u n-nannu.

Tghid li hi u t-tifel qatt ma kellhom xi relazzjoni eccellenti, l-ewwelnett ghax hu kien jisthi, u hi kien ikollha f'mohhha li dak ma huwiex binha. Rigward il-biljard tghid li ma kienx hemm post fid-dar matrimonjali li kienet parafernali taghha, fejn tqieghed dan il-biljard u filfatt qatt ma nxtara. Dwar il-kamra tas-sodda tghid li hi riedet li dik il-kamra tkun ghat-tfal taghhom. Tghid li fil-hajja matrimonjali l-attur ftit li xejn qeda dmiru ghal dik li hija l-hajja. Kien jixtri affarijiet ta' kuljum bhal hobz u halib u tesebixxi statement ta' hlasijiet li ghamlet hi kemm rigward il-loan tad-dar li hallset mill-flus taghha kif ukoll ghall-hajja ta' kuljum esebiti bhala Doks.SDl u SD2. Fl-Affidavit tieghu l-attur jghid li kien inhallas il-cable u t-television mentri fl-istatements il-cable u television jidhru li qed ikunu mhallsin minnha ukoll by direct debit. Tghid li meta kien ifettillu kien jaghtiha fifty euros meta kien ikollu u kienu jkunu darba fix-xahar. Darba minnhom ma hallsitx id-dawl biex forsi l-attur jindenja ruhu jhallas id-dawl huwa. Pero’ ma ghamel xejn minn dan kollu u kellha terga’ thallas hi.

Tghid li l-attur kellu problema ta' loghob u kien jilghab hafna lottu. Tghid li mill-paga ta' panel beater li kien jaqla' minghand missieru, kien ihallas il-manteniment tat-tifel li kellu minn persuna ohra u kien ihallas ghas-sigarretti, ghall-petrol, u ghall-hajja personali tieghu. Tghid li ghandha prova ta' dan minn email taghha ma' missieru li ammetta wkoll li kellu problema u li ma kien qed jibqalu xejn mill-paga - esebiti Doks.SDl sa SD3.

Tghid li skont l-attur u missieru z-zwieg sfaxxa minhabba l-fatt li hi ma accettatx it-tifel tieghu u tghid li dan mhux veru. Tghid li spiccaw minhabba dawn il-problemi li semmiet, kif ukoll minhabba l-fatt li ghal A dawn ma kienux bizzejjed. Iz-zwieg taghhom spiccatu hi ghaliex kienet qabditu jiccattja ma' mara ohra fuq l-internet.

In kontro-ezami tixhed li tiftakar li kienet qalet lill-Avukat li ma kinitx lesta li terfa' ir-responsabilita ta' persuna illi ghandu tifel minn zwieg precedenti, izda kien hemm ragunijiet ohra wkoll.

Tghid li missier l-attur kien jikkontrolla hafna anke f'dak li jirrigwarda t-tifel. Tghid li hafna mill-glied li kien ikollhom kien minhabba l-indhil ta' missieru. Tghid ukoll li qatt ma ppretendiet li l-attur ihallsilha l-loan tad-dar parafernali taghha. Tichad li l-attur kien taha flus li kienu jammontaw ghal nofs l-ispejjez meta huwa ghamel spejjes f'din id-dar. Il-poggaman tat-tarag hallsuh minn rigali li qalghu fiz-zwieg. Il-kamra tas-sodda zgur li mhux nofs bin-nofs. Rigward appliances tghid li kienet tefghat deposit fuq ic-cheque taghha. Mistoqsija li l-attur fil-fatt mhux laghbi tal-lottu imma kien jonfoq xi ten euros sa hmistax il-euros fil-gimgha u twiegeb illi din hija gidba kbira.

Jixhed viva-voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju **Kevin C** li jghid illi kien jara li l-problema bejn il-partijiet kienet fuq it-tifel u kien hemm bosta okkazjonijiet fejn kien prezenti hu stess. Darba minnhom kienu Bugibba fis-sajf il-familja kollha wara z-zwieg taghhom u kienu qieghdin fuq mejda u meta gie l-ikel, it-tifel li dakinhar kellu disa' snin ried lil xi hadd iqattalu l-laham u dan ma sehhx. F'dak il-mument il-mara tax-xhud qamet irrabjata biex tmur tqattalu l-laham hija u biex iccedilu postha halli t-tifel ma jkunx wahdu u jkun qieghed mal-familja. Il-konvenuta ma qamitx.

Jghid ukoll li darba tahom il-parir li jimxu bis-sistema ta' but wiehed, izda l-konvenuta qaltlu illi f'dak il-mument ma setghux jimxu but wiehed.

Jghid li l-konvenuta kienet cold u lit-tifel ma kinitx tikkalkulah. Jikkonferma li fit-tieg tal-partijiet kien page boy, izda wara z-zwieg ma kinitx taccettah u l-attur kien ikun dispjacut. Mistoqsi kienx jara li l-konvenuta riedet tikkrea familja jghid li le.

**Ikkunsidrat**:

L-attur jibbaza t-talba tieghu ghan-nullita taz-zwieg fuq il-fatt illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, skont l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 u li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga skont l-Artikolu 19(1)(f) tal-istess Kap 255.

Jibda sabiex jinghad illi z-zwieg huwa istitut fondamentali f'pajjizna b' importanza tali li ghandu u jehtieg li jigi adegwatament protett minn azzjonijiet li jittentaw jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja ta' annullament meta ma jkunux jissussistu l-kawzali veri u proprji li jwasslu ghall-annullament.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

*"...f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. .... Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 intqal hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Jinsab ormai assodat illi d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta' xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni timporta. Ghalhekk huwa necessarju li wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili dwar x'inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta' koppja fiz-zwieg.

Fl-Ewwel ktieb tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta insibu elenku tal-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg. Fl-ewwel artikolu ta' dan il-

Kodici, intitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin" jinghad hekk:

*'2. (1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.'*

Dwar il-kawzali skont l-**Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255** inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Lulju 2003 illi:

*“...il-kuncett tad-‘discretio judici’ ma jirrekjedhiex maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe’ ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cioe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett ta’ diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi.”*

Fis-sentenza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-29 ta' Mejju 2003 ntqal:

*“...id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta’ kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x’inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.”*

Inghad ukoll f’sentenza moghtija fil-15 ta’ Novembru 2005 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Mario Mizzi vs Maris Mizzi**:

*“Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta’ ta’ l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.”*

Is-**subinciz (f) tal-Artiklu 19(1) tal-Kap 255** jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg innifsu jew xi wiehed

mill-elementi essenzjali tieghu, b'tali mod li z-zwieg jkun qed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill- partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens li minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha z-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewwga kien qed jigi eskluz a priori [vide fost ohrajn App. **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza 27 ta' Jannar 2006 u PA **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza fl-10 ta' Dicembru 2014 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 2016].

Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Magri vs Magri** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 citata fis-sentenza PA **John David Attard Montalto vs Maria Dolores sive Doreen Attard Montalto** deciza fit-22 ta' Gunju 2004:

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Kif intqal ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002:

*"...taht l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' il-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estermi tal-annullament taz-zwieg."*

Jinghad ukoll illi kif diversi drabi dikjarat mill-Qrati taghna, kawza dwar annullament ta' zwieg imsejsa sew fuq is-subinciz (1) (f) u fl-istess imsejsa fuq is-subinciz (1) (d), tikkontjeni talbiet kontradittorji. Ghalkemm ma jidhirx li tali kontradizzjoni twassal ghan-nullita' tal-att, pero' min-natura taghhom dawn iz-zewg kawzali flimkien immankabilment idghajfu lil xulxin.

Dwar l-inkompatibilita' bejn dawn iz-zewg sub-incizi intqal hekk fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Kenneth Cefai vs Louise Cefai** deciza 11 ta' Novembru 2011:

*"Ghar-rigward tal-kompatibilita` tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirribadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax, teknikament, treggi. Fil-kawza Baldacchino v. Duan, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2010, kien intqal hekk fir-rigward:*

*"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage."*

*"The First Hall of the Civil Court, in the case Zammit v. Zammit, decided on the 27th January 2006, said this on this issue,*

*"Rigward id-dispozizzjoni kontenuta fis-subinciz (f) fuq imsemmi, biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi provat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta` ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispozizzjoni tirraviza sitwazzjoni ta' simulazzjoni u ghandu jigi enfasizzat li nullita` ta' zwieg bazata fuq il-kawzali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawzali bazata fuq nullita` ta' zwieg minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. L-inkomplattibbilita` bejndawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

*"Furthermore, this Court, in the case Arqueros v. Arqueros Moreno, decided on the 30th July, 2010, pointed out that when these two grounds are raised simultaneously there is an inherent contradiction which nullifies plaintiff's request. This Court put the issue in these terms:*
*"L-attrici ma apprezzatx, pero`, li l-kawzali li resqet bhala bazi ghat-talba taghha huma kontradittorji. Jekk, kif qed tallega, il-partijiet ma kellhomx diskrezzjoni biex jgharfu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg, ma jistax jinghad, fl-istess nifs, li huma kienu maturi bizzejjed tant li uzaw id-diskrezzjoni taghhom biex, b'att pozittiv, jeskludu z-zwieg innifsu jew xi elementi tieghu. Din il-kontradizzjoni apparenti fit-tezi tal-attrici ddghajjef mhux ftit it-tezi taghha, ghax bl-argumenti taghha favur dawn iz-zewg kawzali qed twaqqa l-argumenti kollha taghha stess."*

*"Hi, fil-fatt, tghid li hi u zewgha, b'att pozittiv u b'impenn tal-volonta`, eskludew z-zwieg u l-elementi tieghu, u dan ifisser, ovvjament li huma gharfu x'inhuma dawn l-elementi u riedu jwarbuhom. Fl-istess hin, tghid li fil-mument li fih huma kkuntrattaw iz-zwieg ma kellhomx apprezzament sufficjenti tal-portata tal-kuntratt ta' zwieg! Din il-Qorti tista' tieqaf hawn fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz, ghax bl-*

*argumenti taghha stess, l-attrici waqghet kull argument favur l-applikazzjoni ta' wahda jew l-ohra mill-kawzali."*

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

**Anomalija Psikologika Serja**

Riportat it-taghlim su-citat ghall-kaz odjern, u fid-dawl tal-provi migjuba quddiemha, ma jirrizultax lil din il-Qorti illi xi hadd mill-partijiet kien fil-mument li gie celebrat iz-zwieg afflitt minn "anomalija psikologika serja". Mill-provi imressqa ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet kien qed ibati minn inkapacita' psikika li kienet qed timpedih milli jaghraf u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

**Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju**

Rigward il-kawzali ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, wara li l-Qorti fliet bir-reqqa t-testimonjanzi tal-partijiet, kif ukoll tax-xhieda mressqa mill-attur, tirrileva illi l-ebda testimonjanza, la individwalment u lanqas fl-assjem taghhom, ma twassal ghal dak il-konvinciment necessarju fil-gudikant illi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg de quo xi wiehed jew wahda mill-partijiet kien jew kienet afflitta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-doveri u drittijiet relatati mal-hajja mizzewga. Id-difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat fil-ligi jrid ikun wiehed serju. Isegwi ghalhekk illi mhux kull difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jsostni inter alia, illi mix-xhieda tal-konvenuta irrizulta car illi hija psikologikament milquta bil-fatt li ma setghatx tghix ma' persuna u tezercita z-zwieg taghha b'serenita` meta dan l-individwu kien missier, u li dan it-tifel kien problema f'dan iz-zwieg. Jghid li l-konvenuta ppruvat tikkuntratta z-zwieg mieghu indipendentement mill-fatt li hu diga` kellu iben u allura dan il-fatt jolqot kemm il-fattur psikiku taghha kif ukoll dak evalwattiv li t-tnejn kienu nieqsa mis-sustanza taghhom. Jghid illi kif izzewgu, harget l-intenzjoni cara, diretta u oggettiva tal-konvenuta li tissegregah minn ma' ibnu. Dan hareg bl-aktar krucjali fix-xhur tal-bidu taz-zwieg u ghalhekk isostni illi s-sinjali huma cari illi l-konvenuta qatt ma kienet lesta takkolji maghha fiz-zwieg ragel li kien diga` missier.

Izda tajjeb jinghad illi l-kawzali tal-annullament trid tirrizulta cara u minghajr dubju.

Li jinghad illi l-konventa ma setghetx taccetta li zewgha diga` kellu wild minn relazzjoni ohra ma jikkostitwixxiex "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju".

Sabiex tirrizulta kawzali imsejsa fuq is-sub inciz in dizamina jehtieg provi cari u konvincenti dwar l-istat psikologiku tal-parti allegatament afflitta mill-kondizzjoni li qed tigi ezaminata.

Mill-provi imressqa il-Qorti ma rriskontratx xi prova li parti jew ohra kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq xi wahda mid-dmirijiet essenzjali ghaz-zwieg. Il-partijiet kienu konsapevoli tal-obbligi u d-drittijiet li jimporta mieghu iz-zwieg. Huwa minnu li waqt wahda mill-udjenzi, l-konvenuta ddikjarat illi ma topponiex li z-zwieg taghhom jigi dikjarat null, izda apparti l-fatt illi in kontro-ezami qalet illi dan qalitu biss sabiex taqtaghha, jinghad ukoll illi tenut kont li l-istitut taz-zwieg civili huwa min-natura tieghu ta’ ordni pubbliku, id-dikjarazzjoni tal-konvenuta li ma topponiex ghat-talba ta' annullament, ma hijiex sufficjenti sabiex twassal ghall-akkoljiment tat-talbiet tal-attur.

**<u>Kunsens Vizzjat bl-Eskluzzjoni ta’ Element Essenzjali taz-Zwieg</u>**

Dwar il-kawzali ta' simulazzjoni taht l-Artiklu 19(1)(f) tal-Kap 255, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur izid jghid illi johrog element illi jimpingi wkoll fuq is-simulazzjoni taz-zwieg innifsu, b'dan illi ghalkemm D kienet taf bil-fatti cirkostanzjali, naturali u partikolari tal-attur, hija xorta ghazlet li tintraprendi z-zwieg bhallikieku c-cirkostanzi tieghu ma jezistux. Jissottometti li dan l-element intenzjonali jidher orjentat diga` fil-psikologija taghha qabel iz-zwieg, ghalkemm kien mohbi, u meta ndunat illi ma kienx qed jirnexxili fl-iskop taghha, waqqfet iz-zwieg hesrem. Ghalhekk, l-intenzjoni taghha li taqdi l-obbligi taz-zwieg kienet simulata in kwantu hija kienet qed taghti l-impressjoni illi taccettahom meta fil-verita`, kienet qieghdha teskludihom.

Jirrizulta kemm mix-xhieda tal-attur, kif ukoll tal-familjari tieghu, illi l-atitudni tal-attrici versu l-attur u ibnu nbidlet immedjetament wara d-data taz-zwieg u kompliet tiddegenera max-xhur. Dan, akkumpanjat mal-kwistjonijiet l-ohra li kienu jikkreaw konflitti bejn il-partijiet wassal sabiex il-konvivenza ta' bejniethom saret wahda impossibbli.

Huwa evidenti mill-provi mressqa illi ghalkemm fil-jum tat-tieg tal-partijiet il-konvenuta kienet qed taghti x’wiehed jifhem illi hija kienet qed taccetta lill-attur bl-istat attwali tieghu illi kellu gia’ wild minn relazzjoni ohra, jidher bic-car illi dan ma kenitx qed taccettah. Mill-kumpless tal-provi prodotti l-Qorti qed tasal ghall-konkluzzjoni illi l-pjan tal-konvenuta kien illi sal-jum tat-tieg taghti lill-attur x’jifhem illi hija kienet qed taccetta f’hajjithom lil wild tal-attur, izda fil-verita’ hija ma kenitx qed taccettah u mill-bidunett tal-hajja mizzewga ghamlet minn kollox sabiex it-tifel ihossu li ma hux accettat fil-familja l-gdida ta’ missieru.

Min-naha tieghu l-attur huwa marbut hafna ma' ibnu u ma kien ser jaccetta qatt illi jittermina kuntatt ma' ibnu.

Huwa minnu li l-konvenuta kienet qed tizzewweg lill-attur u mhux lil ibnu, izda iz-zwieg taghha mal-attur kien jinnecessita li taccetta li f'hajtu l-attur gia' kellu wild minn relazzjoni ohra. Fi kliem il-gurisprudenza fuq citata, bil-hsieb tal-konvenuta li tahbi mill-attur qabel iz-zwieg illi hija ma kienx behsiebha li taccetta f'hajjitha matrimonjali lil iben l-attur, kienet qed teskludi dak li l-gurisprudenza issejjah *il-'consortium vitae.'* L-intenzjoni tal-konvenuta gia' ezistenti fil-jum tat-tieg illi ma taccettax f'hajjitha matrimonjali mal-attur lil iben minuri ta' dak li kien qed isir zewgha, jikkostitwixxi agir frawdolenti li jivvizja l-kunsens matrimonjali u jirrendi z-zwieg tal-partijiet null. Bil-kunsens vizzjat tal-konvenuta z-zwieg tal-partijiet ma seta' qatt jiddekolla u jifjorixxi. Il-prossimita' tal-agir negattiv tal-konvenuta fil-konfront tal-konvenut u ibnu juri illi l-konvenuta' gia' kellha fil-jum tat-tieg il-hsieb illi timponi fuq l-attur ir-rieda taghha li wara z-zwieg l-attur ma jkollux kuntatt b'sahhtu ma' ibnu. Dan l-agir tal-konvenuta jikkostitwixxi eskluzzjoni ta' element essenzjali tal-hajja mizzewga taghha mal-attur. Kienet tkun sitwazzjoni ben diversa kieku l-konvenuta avzat lill-attur qabel iz-zwieg bl-intenzjoni taghha. Il-habi tal-vera intenzjoni taghha fiz-zmien rilevanti jivvizjja l-kunsens u jirrendi z-zwieg tal-partijiet null.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara z-zwieg tal-partijiet null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-annotazzjonijiet opportuni fl-att taz-zwieg tal-partijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**